# K U N S I L L   L O K A L I   K I R K O P

Il-Minut tas-sitta u tletin (36) laqgħa tas-sitt leġislatura tal-Kunsill Lokali Kirkop li saret nhar it-Tnejn 2 ta' Mejju, 2011 fil-ħamsa u nofs ta' wara nofs in-nhar (5.30pm) fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill.

*Preżenti għall-Laqgħa:* Mario Salerno Sindku
Joe Carbone Viċi Sindku
Stephen Mizzi Kunsillier
Rose Roberts Kunsillier
Ranier Busuttil Segretarju Eżekuttiv

*Skuzata:* Nadia Zammit Kunsillier

S-Sindku ppresedja l-laqgħa.

**1. Qari u Konsiderazzjonijiet tal-Minuti**

1.1. Il-Minuti tal-laqgħa tqassmu u inqraw.

**2. Approvazzjoni tal-Minuti**

2.1. Il-Minuti ġew approvati unanimament

**3. Punti Mqajjma mill-Minuti**

3.1. Ma kienx hemm punti mqajjma.

## 4. Stqarrija tas-Sindku Mario Salerno

4.1. Is-Sindku staqsa fuq iċ-ċertifikat tal-lift jekk sarx biex inkomplu bil-proċess li ngħadduh lil Mental Health Department sabiex jipproċessaw il-pagament. Is-Segretarju qallu li iċ-ċertifikat ġie mgħoddi lis-Sinjorina May Caruana u għaddiet l-invoice u iċ-ċertifikat lil accounts.

4.2. Is-Sur Salerno tkellem fuq Pjazza Żernieq u qal li kellna oġġezzjoni mil-Kummissjoni Nazzjonali Persuni B'Diżabilta li it-terf li hemm fuq il-pjanta mhux konformi ma' l-istandards tagħhom u għalhekk irid isir b'tip ta' materjal ieħor. Is-Sindku kompla u qal li wara korrispondenza li kellna mac-chairman tal-KNPD ġie miftiehem li flok terf isir tapit apposta li jkun aċċessibbli.

4.3. Rigward it-toroq is-Sindku qal li fi Triq San Pietru hemm ħorba tal- bir li qiegħda aktar għolja mit-tarmac tat-triq u jiġi falz.

4.4. Rigward il-Miżura 313 u 323 is-Sindka qal li wara li kellna laqgħa mal-Paying Agency ġie maqbul li tiġi aċċettata l-offerta tal-Heritage Enterprises Ltd sabiex jagħmel ix-xogħol tal-Conservation Management Plan fuq il-Ħajt tal-Mgħatla u eventwalment jingħataw l-istruzzjonijiet lir-restawratur skond dan il-pjan.

4.5. Is-Sindku qal li rigward l-artisti li ġejjin minn Rousset id-Dipartiment qalilna li l-attivita ta' Jum L-ewropa tmexxiet għal gurnata oħra iġifieri flok ser issir nhar it-8 u 9 ta' Mejju ser issir fl-10 ta' Mejju. Is-Sindku qal li din hija arukaża għaliex dawn diġa għandhom kollox ibbukkjat kemm il-flights kif ukoll il-lukanda. Il-Franċiżi Jeanine u Sandrine ġejjin Malta nhar is-7 ta' Mejju u jitilqu lura nhar id-9 ta' Mejju. Għalhekk is-Sur Salerno qal li tkellem mad-Dipartiment biex naraw kif insibu alternattiva u li jekk jiġu għal ġurnata extra iħallsu l-ispejjeż żejda id-Dipartiment u ma nġibuhomx għalxejn. Is-Sindku qal li filkas huwa ikun jista idawwarhom fil-weekend.

4.6. Is-Sindku Mario Salerno qal li l-Awditjar ma laħħaqniħx fiż-żmien stability dak tat-2 ta' Mejju u s-Sindku talab spjegazzjoni. Is-Segretarju qallu li Analise ta' l-Awdituri talbitna kjarifika nhar id-29 ta' Marzu liema talba għaddiet mil-ewwel lill-Accountant tagħna Johan Aquilina. Minkejja li intbgħatu anke tlett reminders oħra fi żmien tlett ġimgħat dan ma wieġebx u fl-aħħar ġimgħa ġie b' ħafna għaġġla uġara

li l-kompjuter li kellna l-accounts fuqu waqaf. Bħalissa il-kompjuter jinsab għat-tiswija u għad m'għandnix konferma jekk il-ħsara tissewwiex jew le.

## 5. Stqarrija tal-Viċi Sindku Joseph Carbone

5.1.1 Is-Sur Carbone qal li kellu laqgħa ma l-istudenti tal-Primarja u ħa gost jismagħhom ifaħħru l-kunsill fejn għamel tajjeb kif ukoll jilmentaw fuq affarijiet ħżiena li jeżistu fir-raħal. Huma talbu li jkollna aktar laqgħat u diskussjonijiet magħhom biex intejjbu ir-raħal tagħna. Stephen qal li l-aħjar nibdew immorru aħna l-iskola u mhux niltaqgħu fil-Kunsill. Is-Sur Carbone qal li issa ser ikellem lil iskola sabiex niffissaw data u ħin preferibilment nhar ta' Erbgħa fis-2.30pm.

5.1.2. Is-Sur Joe Carbone tkellem rigward ġieħ Kirkop u qal li hu din is-sena qiegħed jipproponi li jingħata lis-Surmast Gejtu Zammit tax-xogħol kbir li għamel għar-raħal. Kulħadd qabel ma din il-proposta u allura inħarġet l-ordni li nordnaw it-tifkira tal-ġieħ Kirkop. Is-Sindku issuġġerixxa li minħabba Jum Kirkop din is-sena ser jaħbat eżatt fil-weekend tar-referendum tad-divorzju il-preżentazzjoni ta' Ġieħ Kirkop issir nhar il-Ħadd 22 ta' Mejju fl-Irkotta Fest.

5.1.3. Il-Viċi Sindku issuġġerixxa li is-sleeping police kollha tar-raħal li huma mgħamula bil-konkos jitneħħew u li hemm preżentament fi Triq iż-Żebbiegħ titressaq l-isfel lejn Triq il-Lewżiet. Kulħadd qabel ma' dan is-suġġeriment.

5.1.4. Is-Sur Carbone qal li issa iż-żejjed kollu żejjed u qiegħed jiddejjaq li il-problema fi Triq San Nikola baqgħat l-istess u anzi iggravat. It-Triq għada mimlija ħofor u skossi. Is-Sindku qallu li huwa tkellem ma wieħed mis-sidien ta' l-egħlieqi fil-madwar sabiex inkunu nistgħu nagħddu id-drain mil-għalqa imma qallu li hemm xi argumenti bejn is-sidien.

**5.2. Stqarrija tal-Kunsillier Stephen Mizzi**

5.2.1. Is-Sur Mizzi beda biex ippropona li jinxtrax żewg sinjali tat-toroq li jitweħħlu ma' l-art fuq l-asfalt sabiex jiggwidaw lis-sewwieqa minn fejn jgħaddu. Dan għaliex li kien hemm għaddew minn fuqhom u tqaċċtu. Kulħadd qabel ma' din il- proposta.

5.2.2. Stephen Mizzi semmha il-kors taz-Zumba u qal li għaddejin galor u qiegħed ikollna 68 persuna għall-klassi ta' bejn il-5.30pm u s-6.30pm u madwar 25 persuna oħra għall-klassi ta' bejn is-7.30pm u t-8.30pm. Bejniet dawn il-klassijiet qiegħed ikollna wkoll klassi taż-żfin tat-tfal li qiegħda tkun ta' suċċess ukoll.

Stephen qal li in-nies iridu iżjed klassijiet bejn is-6pm u s-7pm u ser nipprovaw nikkuntentawhom. Stephen iċċara li il-lecturers huma kwalifikati u tajbin ħafna u li l-Kunsill Lokali mhu qiegħed joħroġ l-ebda flus lanqas 1c. Stephen qal li hu telaq li nibqgħu inkunu self sufficient. Meta mar jara fuq il-prezzijiet hu qal li l-prezz ta' €3.50 huwa ferm raġonevoli.

Stephen qal li Pedro u Maria, l-instructors jiġu bil-prezz ta' €3.50pp minflok jikru il-post u li hu qiegħed imur bħaċ-ċuċ jieħu rassenja. Stephen qal li aħjar hekk ħalli jkollna l-kontroll u ma jiġrilniex bħal ma ġralna fil-każ ta' ħadd ieħor.

Is-Sur Mizzi qal Rachel fis-session li qiegħda tagħmel hi qed tiċċarġja 35euro kull session. Minn hekk għandna xi ħaġa fuq ir-riħ u qegħdin over madwar €700 u li tajjeb nagħmlu xi open sessions lin-nies biex ikunu happy.

Stephen talab ukoll il-kunsens ta' sħabu sabiex jagħmlu voucher ta' €50 lil care taker ta' l-iskola talli tiġI tiftaħ u tagħlaq l-iskola nhar ta' ġimgħa.

5.2.3. Is-Sur Mizzi xtaq l-approvazzjoni tal-Kunsill kollu sabiex il-bandli jibda jinfetaħ filgħodu u jingħalaq filgħaxija. Stephen qal li jekk issir din il-ħaġa il-każin minn wara ma jkunx magħluq. Rose ma qablitx ma dan is-suġġeriment għaliex mhux sew li ikun hemm kanċell u jekk ikun hemm xi emerġenza

isibu l-kanċell ma’ wiċċhom. Id-deċiżjoni ma ittihdietx u l-argument ser jiġI profondut fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

**5.3. Stqarrija tal-Kunsillier Rose Roberts**

5.3.1. Is-Sinjura Rose Roberts bdiet biex tkellmet fuq il-proġett tal-housing estate u qalet li bgħatna karti bieb bieb lir-residenti fil-housing estate biex jattendu għal laqgħa informattiva fuq dan il-proġett pero bħala konkorrenza kienet fqira wisq. Rose staqsiet fuq il-garden club min ser jieħu ħsieb dawn il-klassijiet u s-Sindku qal li jista jieħu ħsiebu hu.

**6. Approvazzjoni ta’ ordnijiet ġodda.**

6.1. Is-Segretarju ippreżenta tlett quotations ta’ Van/Trakk pick up u ġie maqbul unanimament li jintgħażel il-Van Toyota ta’ Burmarrad Commercials li jiswa €4600 euro. Għalhekk tajjeb li inkellmu lis-Sur Joe Camilleri maruf bħala tal-Bozz sabiex noħduh jara il-Van sabiex jiċċekkjah jekk huwiex tajjeb bħala kundizzjoni.

6.2. Korsijiet – ġie maqbul li jinħarġu talbiet għal korsijiet tal-crafts, Ingliż u Malti basiċi u tal-computer għall-proġett tal-housing.

6.3. Irkotta fest – Ġie maqbul li tinħareġ talba għal kwotazzjonijiet fuq dawl u sound għall-attivita ta’ l-irkotta fest. Għandna konferma li il-Benna ma tistax tisponsorja l-ammont ta’ €4000 u għalhekk ser tisponsorja l-ammont ta’ €2000 bħas-sena l-oħra.

6.4. Nhar il-Ħadd li ġej ser issir preżentazzjoni tat-tazzi lil klabb tal-football Kirkop United tas-suċċess li kisbu billi għaddew għat tieni divizjoni.

**7. Awtorizzazjoni tal-pagamenti**

Il-Pagamenti għaddew kollha.

**8.Affarjiiet oħra**

Ma kienx hemm affarijiet oħra.

**9. Konklużjoni**

7.1. Il-laqgħa intemmet fis-7.30pm.

| | |
|---|---|
| **Mario Salerno** | **Ranier Busuttil** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |